*-ħabta bejn żewġ vetturi ġejjin minn direzzjoni opposta*

*-verżjonijiet konfliġġenti*

*-verżjoni a tempo vergine*

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 772/2009 GM**

**Anthony u Joan konjuġi Ciantar (ID603842M u 1057646M)**

**Vs**

**Ruth Grech u b'digriet tal-15 t'Ottubru, 2009 is-soċjeta' Elmo Insurance Limited intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

**Seduta tas-16 t'April, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-5 t'Awissu 2009 fejn l-atturi wara li ppremettew illi:-

1. Waqt li l-attur Anthony Ciantar kien qed isuq il-vettura numru HAF 052 kien involut f'inċident tat-traffiku fit-13 t'April 2008 ġewwa M'Scala mal-vettura numru RUT 093 liema vettura kienet qed tinsaq mill-konvenuta Ruth Grech.
2. Għal dan l-inċident taħti biss il-konvenuta li kienet qed issuq l-istess vettura b'mod traskurat, negliġenti u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.
3. B'rizultat ta' dan l-istess inċident, l-atturi sofrew danni konsiderevoli u sejrin isofru danni futuri.
4. L-attriċi Joan Ciantar qed tbati minn debilita` ta' natura permanenti ta' 15% kif iċċertifika t-Tabib Dennis Gatt.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni imħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bżonn premezz ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata u linea ta' danni flimkien mall-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proċeduri, inkluzi dawk ta' ittra uffiċċjali datat 10 ta' Lulju 2009 u ittra ufficjal ipprezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assikurazzjoni tal-intimata, kollha kontra l-intimata.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta ippreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2009 fejn laqgħet għat-talbiet atturi billi eċepixxiet illi ma hijiex responsabbli għall-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża u għalhekk ma hi responsabbli għal ebda danni allegatament sofferti mill-atturi;

Rat li b'digriet tal-15 t'Ottubru 2015 is-soċjeta` Elmo Insurance Limited intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tad-9 ta' Diċembru 2009 li bih ħatret lill-espert mediku Dr Alfred Caruana Galizia biex jistabilixxi jekk Joan Ciantar ġarrbitx ġrieħi illi ma jgħaddux u f'każ affermattiv jistabilixxi l-grad ta' debilita` minnha mġarrba;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku Dr Alfred Caruana Galizia fil-21 ta' Ottubru 2010;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi l-inċident awtomobilistiku seħħ fi Triq Villabate, Ħaż-Żabbar, fl-erbgħa u kwart ta' filgħodu tat-13 ta' April 2008 meta l-attur kien qed isuq il-vann *transit* tiegħu mid-direzzjoni ta' Ħaż-Żabbar għal Marsascala. Kellu riekba maġembu fuq is-seat ta' quddiem lil martu li kienet bilqgħieda ħdejh fin-nofs

u lin-neputija ta' tlettax-il sena kienet fil-ġemb. Il-vettura tal-konvenuta kienet ġejja mid-direzzjoni opposta u seħħ l-impatt fuq in-naħa tal-lemin ta' kull vettura bil-konsegwenza li l-van tal-attur inqaleb u dar tlett darbiet. *Il-point of rest* tiegħu kienet xi ftit metri 'l isfel mill-point of impact. Il-vettura tal-konvenuta daret tħares lejn id-direzzjoni minn fejn kienet ġejja. Il-vetturi ġarrbu ħsara estensiva filwaqt li l-attriċi Joan Ciantar sofriet minn ġrieħi ta' natura gravi u saħansitra kienet fil-periklu tal-mewt. Għalhekk infetħet inkjesta maġisterjali li fiha tqabbdu bosta esperti sabiex jassistu l-maġistrat inkwerenti. Ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-konvenuta;

Illi dakinhar tal-inċident, meta ġiet mitkellma mill-Pulizija, kellha *riħa qawwija ta' xorb*[1] u għalhekk sarilha test tan-nifs li minnu rriżulta li kellha 100 mg alkoħol meta l-limitu huwa ta' 33 mg. Il-Kuntistabbli Gilbert Gatt u s-Surġent Mark Cremona li marru fuq il-post dak inhar tal-inċident, it-tnejn jixhdu illi l-livell ta' alcohol meħuda mill-konvenuta kien ta' 100mg. Filfatt dan il-livell ġie mniżżel fir-rapport tal-Pulizija. F'dan l-istadju ma toħroġ ebda dokumentazzjoni ta' dan ir-*reading* u għalhekk kien hemm bżonn illi ttieħed id-Depot sabiex isirilha t-tieni test iżda l-konvenuta rrifjutat;

Illi skont l-attur, martu kienet liebsa *seat-belt* li kien għamel hu biex ma jeħilx multa jekk iwaqqfu xi uffiċċjal tat-traffiku; dan ma kienx jorbot miż-żaqq iżda mill-ispalla biss.[2] Fir-relazzjoni tal-espert tekniku maħtur mill-Maġistrat inkwerenti, Joseph Żammit, jagħmel referenza għal żewġt *seatbelts* biss għalkemm kien hemm tlett persuni fil-van tal-attur. Wieħed fuq in-naħa tax-xufier u l-ieħor fuq in-naħa tal-passiġġier. Ma rriżultax illi kien hemm *seatbelt* ieħor li kien qiegħed iżomm lill-attriċi. Filfatt kienet biss l-attriċi illi nbeżqet minn ġol-vettura;

---

[1] Fol 48

[2] fol 95A

**Dinamika tal-inċident**

Illi l-kontendenti mhux qed jaqblu fuq id-dinamika ta' dan l-aċċident. Illi mil-lat ta' ġurisprudenza f'każijiet simili fejn il-verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident ikunu konfliġġenti jingħad illi 'jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-inċident b'kull element ta' prova a disposizzjoni tagħha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilita` reċiproċi tas-sewwieqa nvoluti fl-inċident relatati mal-osservanza jew non-osservanza da parti tagħhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fiċ-ċirkostanzi li fihom seħħ is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti l-provi ċirkostanzjali, materjali, u fattwali li jagħtu piż korroborattiv lil verżjoni u mhux lil oħra u li allura jirrendu verżjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-oħra[3];

Illi *a tempo vergine* **l-attur** qal illi kien nieżel isuq bil-mod u l-vettura l-oħra ġiet mid-direzzjoni opposta b'veloċita` eċċessiva fuq l-istess karreġġjata tiegħu, reggħet daħlet fuq il-karreġġjata tagħha imbagħad reġgħet kisret, marret għal fuqu u qalbitu bil-vann. Fil-proċeduri preżenti, l-attur żamm l-istess verżjoni, kemm fl-eżami kif ukoll in kontro-eżami.[4] **Il-passiġġieri** illi kienu mal-attur ma jitfgħux dawl fuq kif seħħ l-aċċident għaliex l-attriċi ntilfet minn sensiha u ġarrbet ġrieħi gravi filwaqt li n-neputija Kylie Ciantar ma kinitx qed tħares lejn it-triq iżda kienet qed tħares mit-tieqa tan-naħa tagħha;

[3] Middlesea Insurance v oseph Galea et, Qorti tal-Appell Sede Inferjuri 20.01.2003.

[4] fol 95 et seq.

Illi **l-konvenuta** *a tempo vergine* lill-pulizija qaltilhom "Jien kont ġejja minn M'Skala u f'daqqa waħda **smajt ħabta**[5] u dort"[6]. Fl-affidavit tagħha iżda tgħid li "f'daqqa waħda **nara dawl ta' vettura oħra** ġejja mid-direzzjoni opposta u ċjoe` minn Ħaz-Żabbar direzzjoni lejn Marsaskala". Tkompli tgħid li kien ġej bi speed eċċessiv u ma kellhiex ċans tiskapulah. Ma kinitx għaddejja b'iktar minn 40 kilometru fis-siegħa. Rat joħorġu mill-vann l-atturi u n-neputija tagħhom. Hi rrifjutat l-għajnuna medika. Kellha biss xokk kbir.[7] Meta ġiet ikkontro-eżaminata, mistoqsija dwar il-verżjoni differenti li tat *a tempo vergine,* kienet evażiva fit-tweġiba tagħha u saħansitra qalet "ma nafx niddeskrivi";

Illi x-xhud okulari u indipendenti tal-inċident, **Roderick Attard**, li nzerta kien isuq wara l-van tal-attur, fir-relazzjoni tal-Perit Legali maħtur fl-inkjesta' Magisterjli jistqarr li l-vann kien għaddej b'veloċita` normali u *ħin mihhom l-van ġibed kemm kemm 'll barra minħabba li kien hemm vettura pparkjata.* Jgħid illi l-vetturi ħabtu *mudgard* ma *mudgard* pero` t-tnejn kienu fuq il-karreġġjata tagħhom. Skontu, l-inċident ġara f'nofs it-triq. Ma kienx hemm marki li jimmarkaw nofs it-triq. Wara l-impatt, il-vettura tal-konvenuta spiċċat fil-karreġġjata tagħha imdawwra fid-direzzjoni imnejn kienet ġejja. Il-vann baqa' miexi ftit metri 'l isfel u nqaleb fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. L-attriċi ħarġet minn ġol-*windscreen*;[8]

Illi jirriżulta li l-attur fil-mumenti qabel seħħet il-ħabta ħareġ 'il barra billi kien hem vettura pparkjata fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, iżda xorta waħda baqa' fuq il-karreġġjata tiegħu. Il-ħabta seħħet f'nofs it-triq u ma kinitx

[5] Enfasi miżjuda mill-Qorti

[6] fol 54

[7] fol 131

[8] fol 82

frontali; bl-impatt ikun fuq il-ġemb lemini tal-vetturi rispettivi. Huwa importanti dak li seħħ b'konsegwenza tal-ħabta. Għalkemm il-vettura misjuqa mill-attur hija vann robust iktar mill-vettura tal-konvenuta, inqaleb fuq ix-xellug tiegħu. Min-naħa l-oħra l-vettura tal-konvenuta bl-impatt ma ntefgħetx lura għalkemm daret 180 degrees. Dan hu konformi mal-verżjoni tal-attur dwar il-manuvrar tal-konvenuta qabel l-inċident, u ċioe` li l-konvenuta kienet ġejja sserrep fit-triq b'veloċita` qawwija; li kienet fuq sajdu, daret lejn ix-xellug iżda li fl-aħħar mumenti daret għal fuq il-vann. Dan jispjega kif il-vann inqaleb bl-impatt. Li kieku l-konvenuta kienet miexja b'veloċita` normali u għad-dritt, aktarx li l-vann ma kienx jinqaleb. U lanqas ma kienet il-vettura tal-konvenuta tispiċċa ddur dawratond. Sinjal li fil-mument tal-impatt kienet qed iddur lejn il-lemin tagħha, b'konsegwenza li ddawwret *clockwise.* Li kieku tabilħaqq il-vetturi kienu għaddejjin it-tnejn bi dritt u tħaxknu ma' xulxin ġemb ma' ġemb, il-vettura tal-konvenuta ma kinitx iddur 180 grad;

Illi jirriżulta b'mod ċar li l-konvenuta ma kinitx qiegħda żżomm *a proper look-out.* Ma ratx il-vettura tal-attur qabel il-ħabta. Evidentement anke għaliex kienet xurbana. Huwa notorju li sewqan ta' vettura taħt l-influwenza ta' alkoħol hu ta' periklu għas-sigurta` stradali u jnaqqas ir-riflessi tal-ġisem. Il-konvenuta poġġiet lilha nnifisha u lil terzi f'periklu ċar meta saqet taħt l-influwenza tax-xorb.

Illi f'dan il-kwadru ta' riżultanzi oġġettivi, l-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli u verosimili;

Illi l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, b'riferenza għall-fatt li l-attriċi ma kienitx liebsa *seat-belt*, iċċitat l-aforiżma tal-*volenti non fit iniuria* u għall-konsegwenzjali apporzjonament tar-responsabilta`. Għalhekk iqum il-

kweżit jekk kienx hemm negliġenza kontributorja mill-attriċi. Kif sewwa ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Froom et vs. Butcher** (1975) iċċitata mill-konvenuti:

*"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"*;

Illi kif jgħid l-awtur **John M. Logan** fil-ktieb tiegħu **Briefcase of Tort Law (**1995**),** "*If as a result of his contributory negligence the plaintiff suffers greater injury than he otherwise would have sustained, then his entitlement to compensation should reflect that fact*"[9];

Ili fil-każ **Froom v. Butcher** (1976), **Lord Denning** osserva:- "*The question is not what was the cause of the accident. It is rather what was the cause of the damage. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage. But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt. If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable*"[10];

---

[9] Alan Busuttil et vs. Raymond Farrugia P.A., 04.10.2011.

[10] Kyle Saliba vs. John Borg et P.A., 23.10.2015.

Illi m'hemmx dubbju illi meta l-attriċi rikbet fil-vettura mingħajr ma kien hemm *seatbelt* għaliha, poġġiet ruħha f'qagħda vulnerabbli f'każ ta' inċident. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li kwalunkwe danni li batiet l-attriċi għandhom jiġu maqsumin terz lill-attriċi u żewġ terzi lill-konvenuta;

**Likwidazzjoni ta' danni**

***Damnum emergnens***

Illi rigward il-ħsara fuq il-vettura tal-attur, is-*surveyor* Joseph Żammit li kien l-espert maħtur mill-Qorti inkwerenti jgħid illi l-vann tal-attur qabel l-inċident kellu valur ta' €2,795 (LM1,200) u ġiet dikjarata *beyond economical repair b'wreck value* ta' bejn €233 – €349 (Lm100 –Lm150). Għaldaqstant l-ammont likwidat għad-danni fuq il-vettura tal-attur huwa €2,795 – (233+349/2) 291 = €2,504;

***Spejjeż mediċi***

Illi l-attriċi tippretendi kumpens għall-mediċina li hija se tibqa' tieħu għall-bqija ta' ħajjitha minħabba li kellhom ineħħulha l-milsa. Dan jikkonfermaħ ukoll l-espert mediku maħtur mill-Qorti. Għandha spiża ta' €3 kull xahrejn tul ħajjitha kollha. Għalkemm il-*life expectancy* ta' mara f'Malta hija 'l fuq minn 80 sena, din il-Qorti sejra takkorda dawn l-ispejjeż sal-eta` ta' 70 sena (li l-attriċi fil-fatt diga` għexithom) u għalhekk tirriżulta s-somma ta' €3 x 6 darbiet fis-sena x 9 snin = €162. 2/3 = €108;

***Lucrum cessans***

Ill l-attriċi sofriet ġrieħi gravi konsegwenza tal-inċident. Kellha ħames kustilji miksura u l-milsa kienet laċerata u għalhekk kellha tiġi operata immedjatament u tneħħitilha l-milsa. Bħala riżultat ta dan, l-attriċi sejra tibqa' għomorha kollu bir-riskju sostanzjali ta' infezzjonijiet serji li jistgħu jikkaġunaw il-mewt u sabiex tipproteġi lilha nnifisha minn din l-eventwalita` trid tieħu antibijotiċi kuljum għal ħajjitha kollha u perjodikament trid tieħu tilqim kontra ċerti mikrobi. Kellha wkoll ksur tal-klavikuli ta' spallitha x-xellugija li baqa' ma ssewwiex;

***Multiplier***

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[11]; fi kliem ieħor li terġa' tqiegħedha kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[12]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha 61 sena. Din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' ħames snin[13];

**Mara tad-dar**

Illi fiż-żmien l-inċident, l-attriċi kienet pensjonanta u lanqas ma kellha impjieg fiss qabel. Hekk kif ingħad mil-Qrati[14] tagħna li ilhom żmien jaċċettaw li mara mizżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi

[11]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe
[12]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe
[13] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[14] Sylvia Rosso vs Etienne Galea Per Imhallef Joseph R. Micallef deciza fit-3 ta' April 2003

mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu[15]. Listess jingħad għall-każ fejn il-persuna mġarrba tkun qabżet l-eta` tal-pensjoni[16];

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-paga minima. Illi l-paga minima fl-2008 kienet ta' €142.39 fil-ġimgħa[17] li jiġu €7,404.28 fis-sena. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni żieda meqjus li hu mistenni li dan l-ammont jiżdied matul is-snin. Dan il-kalkolu jista' faċilment isir b'somma matematika tal-*average* tal-paga minima għal-aħħar ħames snin wara l-inċident. Ir-riżultat huwa s-somma ta' €8,034.10 [18];

**Rata ta' diżabilita`:**

Illi l-espert mediku Dr Alfred Caruana Galizia jikkonstata illi bħala risultat tat-tneħħija tal-milza, l-attriċi soffriet danni ta' ħmistax fil-mija (15%). Meta eżamina l-spalla tax-xellug tal-attriċi sab illi hemm ebusija u telf kwasi totali tat-tidwir estern bl-ispalla miżmuma mdawwra 'l ġewwa. Ikkonstata illi n-nuqqas ta' funzjoni ta' din l-ispalla se tkompli tippersisti u li tikkostitwixxi danni ta' għaxra fil-mija (10%) u għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita' totali ta' 24%.[19];

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra, se jittieħed il-weighted average u r-rata ta' diżabilita` attribwita minn din il-Qorti hija ta' 20% (15% + 10%/2);

---

[15] Ara,per ezempju, Carmelo Zammit et vs George Bezzina App. Civ. 19.9.1973 fil-kawza fl-ismijiet u App. Civ. 16.1.1984 fil-kawza fl-ismijiet Apap vs Degiorgio 26 Ara, per ezempju, P.A. NA 29.5.2001 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Cini vs George Wells et noe; u P.A. GV 12.7.2002 fil-kawza fl-ismijiet Saviour Sammut vs Robert Demanuele

[16] Cit Nru: 42/2005AE deciza fl-24 ta' Gunju 2008

[17] S.L 452.71 - *National Minimum Wage National Standard Order.*

[18] Paga minima fl-2009 – €7,616.44; Paga minima fl-2010 – €7,919.08; Paga minima fl-2011 – €7,979.40; Paga minima fl-2012 – €8,221.72; Paga minima fl-2013 – €8,433.88 : Average ta' 401,170.52/5 = €8,034.10

[19] Fol 38.

***Lump Sum Payment***

'Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor kkunsmat. [20]' Iktar u iktar billi issa għaddew kważi ħdax-il sena mid-data tal-inċident;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti: €8,034.10 x 5 x 20% x 2/3 = €5,356;

**Għalhekk it-total tad-danni huwa:**

Damnum Emergens **-** €2,504

Spejjeż ta' mediċini - €108

Lucrum Cessans - €5,356

**Total – €7,968**

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

[20] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17.10.2018.

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ ħtija tal-konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' **€7,968.**

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2009 u l-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mal-preżenti żewġ terzi għall-konvenuta u terz għall-atturi u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERĊIEĊA